# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2019.**

**Numru 1**

**Rikors numru 51/18MCH**

**Alfred Degiorgio**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali**

1. B'rikors preżentat fil-11 ta' Mejju, 2018 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ir-rikorrent ilmenta li kien sofra ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq (artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni) minħabba l-fatt li waqt l-inkjesta maġisterjali dwar l-omiċidu volontarju ta' Daphne Caruana Galizia ma kienx inġabar il-*laptop* tal-vittma. Dwar dan fit-23 ta' Ottubru, 2017 il-Kummissarju tal-Pulizija ippreżenta rikors quddiem il-

Maġistrat Inkwirenti u talbu jordna t-teħid tal-*laptop* sabiex eventwalment ikun eżaminat. Rikors li dwaru baqa' ma ngħatax digriet. Ir-rikorrent jilmenta li l-Kummissarju tal-Pulizija baqa' passiv minkejja li għandu dmir li bil-liġi għandu obbligu li jressaq il-provi kollha. Kompla li l-aġir tal-intimat hu ta' preġudizzju għar-rikorrent għaliex dik il-prova tista' twassal għal min verament kien responsabbli għad-delitt. L-istess japplika għall-Avukat Ġenerali li skont ir-rikorrent ma kien qiegħed jagħmel xejn sabiex iressaq il-provi kollha li huma rilevanti. Għaldaqstant talab lill-qorti sabiex:-

> *"(i) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatti suesposti jaghtu lok ghal-lezjoni tad- dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal- Ligijiet ta' Malta;*
>
> *"(ii) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeciedi illi f'kull kaz, il-jedd fundamentali ghal smigh xieraq tal-esponenti, ser ikompli jew x'aktarx ser ikompli jigi miksur jekk kemm-il darba l-intimati jippersistu fl-agir taghhom lamentat mill-esponenti fil-korp ta' dan ir- rikors;*
>
> *"(iii) konsegwentament taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id- direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana, fost affarijiet ohra, billi tordna illi l-intimati jiehdu dawk il-passi u dawk il-mizuri kollha mehtiega sabiex il-provi imsemmija fil-korp ta' dan ir-rikors — b'mod partikolari l-laptop, computer devices, server u kwalunkwe apparat u dokument iehor marbut max-xoghol gurnalistiku ta' Daphne Caruana Galizia – jigu elevati, jigu analizzati, jigu prezervati, jigu prodotti bi prova fl-atti tal-kumpilazzjoni bhalissa pendenti quddiem l- Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et" u billi wkoll l- intimat il-Kummissarju tal-Pulizija jkompli l-investigazzjonijiet tieghu skont ma jirrizultalu mill-analizi tal-istess provi;*

*"(iv) tikkundanna lill-intimati iħallsu d-danni sofferti mill-esponenti";*

2. B'sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2019 il-Prim'Awla laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-intimati li:

i. L-azzjoni hi intempestiva għaliex il-proċeduri għadhom fi stadju ta' inkjesta li fihom ma jiġix determinat il-meritu tal-każ;

ii. Ir-rikorrent għandu rimedji ordinarji disponibbli għalih sabiex iħares il-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq, u dan b'applikazzjoni tal-artikolu 436(3)(c) u 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali, fejn il-Qorti Istruttorja għandha l-obbligu li tiġbor u tikkonserva l-provi sabiex tinkixef il-verita'.

3. L-ewwel qorti rraġunat:-

***"It-tielet u r-raba' eccezzjoni***

*"Dawn l-eccezzjonijiet ser jigu trattati flimkien. L-intimati jsostnu li ma jistax jigi determinat lezjoni jekk il-process ta' natura kriminali ghadu fi stadju bikri u fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti ghandu rimedji ordinarji fil-kamp kriminali biex jipprotegi d-drittijiet tieghu. Il-fatti li gabu l-quddiem din il-procedura Kostituzzjonali huma tnejn. Fl-ewwel lok f'Settembru 2017 fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni tad-delitt mill-pulizija sar rikors quddiem il-Qorti Inkwirenti mill-istess pulizija biex il-Qorti tordna li kull laptop jew mezz iehor ta' informazzjoni personali li l-vittma kellha fil-pussess taghha tingieb u tigi analizzata mill-Qorti billi l-informazzjoni seta' kellha hjiel dwar il-motiv wara l-qtil. Jizdied li l-familjari qed izommu lura milli jaghtu lil pulizija access ghal tali oggetti informatici. Dan ir-rikors baqa', safejn jirrizulta mill-atti,*

*mhux degretat mill-Qorti. Xi xhur wara, fl-2018 dehru rapporti fil-gazzetti lokali li xi oggetti elettronici informatici personali tal-vittma gew mghoddija lill-pulizija Germaniza minn familjari tal-vittma. L-Ispettur Arnaud, wiehed mill-ufficjali investigativi xehed li ghadhom isegwu dan l-izvilupp fl-isfond tal-Inkjesta Magisterjali, u r-rikors li kien sar.*

*"Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-fatti jaghtu ragun lil intimati illi t-talba lil din il-Qorti f'dan l-istadju kif promossa hi prematura ghall-ahhar. L-inkjesta Magisterjali bhala fatt pubbliku hi maghluqa u kienet ghaddejja l-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti u ohrajn sakemm xahrejn qabel din is-sentenza meta l-kawza gia kienet differita ghas- sentenza r-rikorrenti u ohrajn tqieghdu taht att ta' akkuza formali.*

*"Fl-istadju li fih sar l-ilment fejn ghadu ma giex determinat ebda htija jew innocenza tar-rikorrenti billi kienu ghadhom qed jingabru l-provi, il-Qorti tqis l-istess rikorrenti mhux ostakolat milli jadixxi lil Qorti biex tuza l-poteri taghha u jekk l-istess Qorti tqis pertinenti, tordna li bil-mezzi legali disponibbli tingieb din il-prova li r-rikorrent iqis relevanti biex jigu stabbiliti l-fatti. In oltre l-proceduri jridu jitqiesu fl-assiem taghhom kollu u f'dan l-istadju ghadu wisq kmieni biex wiehed iqis jekk kienx hemm xi prova li setghet ingiebet u ma ngibitx, u jekk tali nuqqas kienx wahdu kawza ta' lezjoni ta' dritt. Maghdud ma' dan il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma hu qed isofri ebda pregudizzju irrimedjabbli f'dan l-istadju meta hu stess anqas jaf il-kontenut tal-laptop u kif dan il-laptop jew informazzjoni li fih tista' tagevolah. Ghalhekk it-talba odjerna tieghu hi intempestiva oltre kif gia inghad ghandu kull possibilta ta' rimedju ordinarju biex igib il-quddiem it-talba tieghu.*

*"Sa dan l-istadju tal-proceduri, ma jistax jinghad anki remotement illi l-pulizija jew il- Qorti qed jilledu xi dritt ta' smigh xieraq skont l-artikolu 6 tal-kap. 319 u wisq anqas l- artikolu 39 tal-kostituzzjoni meta l-kwistjoni relevata mir-rikorrenti kienet ghadha quddiem il-Qorti li qed tmexxi l-kumpilazzjoni u ma ttiehdet ebda decizjoni li tista tissejjah finali u pregudizjevoli ghal dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrenti f'eventwali proceduri kriminali li jwasslu ghal sejbin ta' htija jew innocenza fil-konfront tieghu (ara* ***Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Generali****, Kost 16/03/2011).*

*"Ma' dan il-Qorti izzid li ghalkemm illum hemm att ta' akkuza formali xejn ma josta lir- rikorrenti li jitlob lil Qorti Kriminali tassigura li jitressqu provi li huma ta' sustanza (art. 436(3) Kap. 9), u ghalhekk in-nuqqas ta' tehid ta' rimedji ordinarji ma jistghux jigu sostitwiti b'kawza Kostituzzjonali (ara* ***Ivan Zammit vs Kummissarju tal-Pulizija et****, Kost 27/01/2017). Avolja l-kawza saret meta l-proceduri kienu fi stadju ta' inkjesta, dawn ukoll huma proceduri ta' natura kriminali u ma hemm xejn x'josta lil Qorti tal-Magistrati tikkunsidra rikors a bazi ta' dan l-artikolu ghal ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja b'rispett assolut lejn il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna suspettata.*

> *"Anki l-artikolu 546(4)A tal-Kodici Kriminali hu ta' ghajnuna ghar-rikorrenti fejn jista' jitlob b'rikors mahluf lil Magistrat tal-Ghassa tiftah repert (Inkjesta Magisterjali) biex il-laptop jigi prezervat".*

4. B'rikors preżentat fl-14 ta' Ottubru, 2019 ir-rikorrent appella mis-sentenza. Spjega li kien qiegħed jilmenta mill-fatt li:-

> *"(i) għad illi l-Kummissarju tal-Pulizija huwa obbligat bil-liġi illi jressaq il-provi kollha, kemm dawk favur kif ukoll kontra min huwa akkużat, huwa obbligat illi jibqa' jiġbor il-provi anke wara li titressaq persuna akkużata bir-reat u huwa wkoll obbligat li jiżvela lil tali persuna akkużata dawk il-provi kollha li jistgħu jidhru li jiffavorixxu lill-persuna akkużata, liema obbligi joħorġu mill-artikoli 346 u 356 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fost oħrajn, huwa ma għamel xejn sabiex jonora tali obbligu; (ii) il-Kummissarju tal-Pulizija stess tant qies din il-prova importanti illi kien għamel rikors lill-Maġistrat Inwkirenti għaliex tista' twassal sabiex ikun magħruf min seta' kien tassew responsabbli għad-delitt li għalkemm jinstab akkużat bih l-esponenti huwa wieġeb illi ma huwiex ħati; (iii) l-Avukat Ġenerali qiegħed jonqos in kwantu huwa ħa sehem attiv fil-kumpilazzjoni tal-provi li kienet pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v George Degiorgio et u ma għamel xejn sabiex il-provi imressqa minnu u mill-Kummissarju tal-Pulizija jkunu sħaħ u kompleti u mhux parzjali u selettivi; (iv) l-Avukat Ġenerali ġie ċitat ukoll fil-kawża fil-vesti tiegħu rappreżentattiva anke ta' l-organu ġudizzjarju ossija l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Inkwerenti liema Qorti ma għamlet xejn sabiex tiġi mwettqa t-talba mressqa permezz tar-rikors illi ġie ippreżentat lilha mill-Ispettur Keith Arnaud f'isem l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija nhar it-23 ta' Ottubru, 2017 hawn fuq imsemmi".*

5. Imbagħad ir-rikorrent għadda sabiex jagħmel l-argumenti tiegħu għalfejn ma jaqbilx mal-ewwel qorti li kkonkludiet li l-ilment hu intempestiv u li r-rikorrent kellu miżuri oħra xierqa. Fl-aħħarnett argumenta li fil-parti dispożittiva l-qorti ma kellhiex tiċħad it-talbiet iżda tgħid biss li qiegħda tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha għaliex ir-

rikorrent kellu mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat, skont xi liġi ordinarja oħra.

6. Fit-22 ta' Ottubru, 2019 l-intimati ppreżentaw tweġiba li fiha taw ir-raġunijiet għalfejn il-qorti għandha tiċħad l-appell.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**

7. B'din il-kawża r-rikorrent ilmenta mill-fatt li *laptop* li kienet tuża Daphne Caruana Galizia ma nġabarx bħala prova. Ir-rikorrent isostni li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali mhuma jagħmlu xejn sabiex iressqu il-provi kollha. Inoltre, l-Avukat Ġenerali hu wkoll responsabbli għaliex jirrappreżenta l-organu ġudizzjarju li f'dan il-każ hu l-Maġistrat Inkwirenti li baqa' ma tax digriet dwar ir-rikors li l-Kummissarju tal-Pulizija ippreżenta fit-23 ta' Ottubru, 2017.

8. L-inkjesta maġisterjali bdiet dakinhar li seħħ l-omiċidju (16 ta' Ottubru, 2017). Sussegwementement fit-23 ta' Ottubru, 2017 il-Kummissarju tal-Pulizija talab lill-Maġistrat Inkwirenti sabiex ikun elevat il-kompjuter tal-vittma għall-finijiet ta' preservazzjoni u analiżi. Il-pulizija kellha tagħrif li l-kompjuter li kienet taħdem fuqu l-vittma fiż-żmien tad-delitt ma kienx dak li ingħatat il-pulizija waqt l-investigazzjoni. Sussegwentment, fil-5 ta' Diċembru, 2017 ir-rikorrent u tnejn min-nies

oħra tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, u kienu akkużati fost'affarijiet oħra bl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Wieħed mingħajr ma jrid jistaqsi kif ir-rikors tat-23 ta' Ottubru, 2017 baqa' ma ġiex degretat iktar u iktar meta tqies li l-inkjesta maġisterjali ma ngħalqitx u l-pulizija stess kienu tal-fehma li l-kompjuter kien, *"indispensabbli għal din l-investigazzjoni, fosthom minħabba r-raġuni li jista' jkun fih informazzjoni sensittiva dwar terzi persuni responsabbli wara dan id-delitt"*. Wieħed jifhem li min qiegħed jinvestiga d-delitt ikun irid li l-kompjuter li kienet tuża l-vittma ikun elevat u eżaminat il-kontenut tiegħu. Dan ovvjament sabiex ikun determinat jekk fihx xi tagħrif li jista' jgħin fl-investigazzjoni biex jinstab il-persuna/i responsabbli għad-delitt. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li l-kompjuter kien *working tool* tal-vittma li kienet ilha snin bil-blog *Running Commentary Daphne Caruana Galizia's Notebook,* li fih kienet tippubblika tant aħbarijiet u stejjer ta' interess pubbliku u wkoll kontroversjali.

9. Hu minnu li fil-*media* kien issemma li l-kompjuter kien spiċċa barra minn Malta. Pero' dan ma kienx ifisser li l-Maġistrat Inkwirenti ma kellux il-mezzi sabiex jagħti l-provvedimenti li hemm bżonn. Billi din il-qorti m'għandhiex l-atti tal-inkjesta, ma tista' tasal għal ebda konklużjoni għalfejn ma ngħatax provvediment dwar ir-rikors tat-23 ta' Ottubru, 2017 u jekk sal-lum il-Maġistrat Inkwirenti ħax xi passi dwar il-*laptop*.

10. Hu fatt li d-dmirijiet tal-pulizija jinkludu li, *"tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew **<u>favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat</u>**"* (artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali). F'dan il-każ fil-bidu tal-inkjesta l-Kummissarju tal-Pulizija għamel talba lill-Maġistrat Inkwirenti dwar il-*laptop*, u jidher li r-rikors baqa' mhux degretat. Hu evidenti li l-*laptop* qatt ma ġie fil-pussess tal-pulizija u mhuwiex magħruf x'*data* kien fih meta seħħ l-omiċidju. Għalhekk wieħed ma jkunx korrett li jargumenta li l-pulizija naqset milli tiġbor provi li huma favur ir-rikorrent. Dan apparti li fil-bidunett tal-inkjesta l-Kummissarju tal-Pulizija għamel talba lill-Maġistrat Inkwirenti sabiex ikun elevat il-kompjuter tal-vittma għall-finijiet ta' preservazzjoni u analiżi.

11. Fis-sentenza **Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Ġenerali** tas-16 ta' Marzu, 2011 din il-qorti qalet:

> *"14. Din il-qorti tibda biex tgħid illi r-rimedju taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa rimedju straordinarju. Dan ir-rimedju jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares id-drittijiet tal-individwu u għalhekk l- istat ikun naqas fid-dmir tiegħu li jħares dawn id-drittijiet. Ir-rimedji taħt il-liġijiet għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali jingħataw biss f'dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji, u nkunu qegħdin inwaqqgħu s-siwi ta' dawk id dispożizzjonijiet jekk ninqdew bihom fejn rimedju taħt il-liaġi ordinarja jkun tajjeb u biżżejjed.*
>
> *"15. Fi kliem ieħor, ma tistax tgħid illi l-istat naqas mid-dmir tiegħu li jħares id-drittijiet tal-individwu bis-saħħa tal-ordinament ordinarju qabel ma tkun fittixt li tinqeda bir- rimedji kollha li jagħti dak l-ordinament".*

12. F'dan il-każ l-inkjesta maġisterjali għadha għaddejja u l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent għadhom pendenti. Lanqas mhemm prova li waqt il-kumpilazzjoni r-rikorrent għamel xi talba relatata mal-kompjuter, jew li wara li tressaq il-qorti għamel talba lill-Maġistrat Inkwirenti li qiegħed imexxi l-inkjesta. Jekk kif qiegħed isostni r-rikorrent dik il-prova kienet daqstant vitali għalih sabiex jinstab min kien verament l-awtur tal-omiċidju, il-qorti kienet tippretendi li fil-kors ta' kważi sentejn ir-rikorrent kien jagħmel talba lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex jingħata provvediment dwar il-*laptop*. Dan iktar u iktar meta qiegħed isostni li l-kontenut tal-*laptop* huwa indispensabbli għaliex, *"4.10 ..... jemmen illi d-delitt fuq il-vittma seħħ minħabba xi ħaġa relatata max-xogħol tagħha u x-xogħol tagħha qiegħed f'dawk il-provi illi l-Kummissarju tal-Pulizija talab l-elevazzjoni u l-preżervazzjoni tagħhom"*. Wieħed irid jiftakar li fl-istadju tal-kumpilazzjoni l-imputat għandu wkoll il-jedd li jressaq dawk il-provi li jidhirlu li huma rilevanti għad-difiża tiegħu (ara artikolu 390(2) tal-Kodiċi Kriminali). Ovvjament l-istess japplika quddiem il-Qorti Kriminali, fejn saħansitra l-artikolu 436(3) tal-Kap. 9 jipprovdi li jmiss lil dik il-qorti li tagħmel dak kollu li fid-diskrezzjoni tagħha *"hu meħtieġ għat-tikxif tal-verita'"*. Ir-rikorrent ma ta l-ebda raġuni għalfejn baqa' passiv jekk hu daqstant konvint li l-*laptop* hu ċ-ċavetta sabiex jinqabad min effettivament wettaq ir-reat u jservi ta' prova li hu innoċenti.

13. Min-naħa l-oħra l-qorti taqbel mar-raġunament tar-rikorrent dwar l-artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali (ara paragrafu 5.9 tar-rikors tal-appell). Disposizzjoni li tipprovdi:

> *"(4A) Meta r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela jsiru lil Maġistrat taħt dan artikolu minn xi persuna li ma tkunx l-Avukat Ġenerali jew uffiċjal tal-pulizija, ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela għandhom isemmu ċar lill-persuna suspettata li għamlet ir-reat (hawn izjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjħa "il-persuna suspettata"). Il-Maġistrat għandu jordna li r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, skont ma jkun il-każ, jiġi notifikat lill-persuna suspettata filwaqt li jagħtiha żmien għal risposta u wara li jgħaddi dak iż-żmien il-Maġistrat għandu jiddeċiedi jekk jagħmilx l-aċċess. Il-Maġistrat għandu jiddeċiedi li jagħmel l-aċċess biss jekk ikun stabbilixxa li l-prerekwiżiti meħtieġa biex isir dak l-aċċess ikunu jeżistu".*

14. L-ewwel qorti rraġunat li dik id-disposizzjoni kienet ukoll mezz ta' rimedju lir-rikorrent. Pero' sabiex tapplika dik id-disposizzjoni l-persuna privata li tagħmel ir-rapport, denunzja jew kwerela għandha ssemmi min hi l-persuna suspettata li għamlet ir-reat. Hu ovvju li f'dan il-każ ir-rikorrent ma semmiex persuna suspettata li wettqet ir-reat, u għalhekk dik id-disposizzjoni ma tapplikax.

15. Pero' jibqa' l-fatt li dan hu każ fejn ir-rikorrent kellu l-mezzi u altru milli biżżejjed żmien sabiex jagħmel talba lill-Maġistrat Inkwirenti jew lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, u minflok baqa' jistenna. Sal-lum għad għandu l-opportunita' li jagħmel talba lill-Qorti Kriminali. Dan apparti li mhuwiex magħruf jekk ir-rikorrent iddikjarax il-*laptop* bħala prova fil-proċeduri li hemm pendenti fil-Qorti Kriminali (ara

artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali). F'każ li ma ddikjarahx jibqa' l-fatt li kellu kull opportunita' li jiddikjarah u ma jistax jilmenta għan-nuqqas tiegħu.

16. Ovvjament wieħed ma jafx x'kien ikun l-eżitu li kieku għamel it-talba lill-Maġistrat Inkwirenti jew lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li r-rikorrent ma kellux il-mezzi taħt il-liġi ordinarja sabiex jindirizza l-ilment li l-*laptop* ma kienx preżentat bħala parti mill-provi. Dan apparti li l-akkużi kontra r-rikorrent huma bażati fuq provi oħra.

17. Għaldaqstant il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li r-rikorrent kellu mezzi xierqa skont il-liġi ordinarja sabiex jiżgura li l-*laptop* tal-vittma jitressaq bħala prova, liema raġuni wasslitha sabiex tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont l-artikolu 4 tal-Kap. 319 u l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

18. Fir-rigward tal-eċċezzjoni li l-azzjoni tar-rikorrent hi intempestiva, l-ewwel qorti kkunsidratha flimkien mar-raba' eċċezzjoni. Waħda mir-raġunijiet għalfejn l-ewwel qorti kkonkludiet li l-kawża kostituzzjonali kienet intempestiva kienet minħabba li r-rikorrent naqas milli jitlob lill-qorti sabiex tagħti l-provvedimenti meħtieġa dwar il-*laptop*. Fil-fehma ta' din il-qorti dik ir-raġuni waħedha kienet biżżejjed, irrispettivament tar-

raġunijiet l-oħra li jissemmew fis-sentenza tal-ewwel qorti. Il-liġi ma tridx li rikorrent ikollu għad-disposizzjoni tiegħu rimedji taħt liġi ordinarja u minflok jipproponi kawża kostituzzjonali li fiha jilmenta li sofra leżjoni ta' drittijiet fundamentali. Il-liġi ordinarja hi biżżejjed u r-rikorrent għandu fl-ewwel lok jeżawrixxi r-rimedji li jkollu tat dik il-liġi.

19. Bit-tielet aggravju r-rikorrent jilmenta li l-fatt li l-qorti laqgħet l-eċċezzjoni li qabel il-kawża kostituzzjonali ma kienx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, il-qorti *"... ma kellhiex tiċħadlu t-talbiet iżda tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha"*. Il-parti dispożittiva tas-sentenza taqra:

> *"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-intimati u in linea ma' dak deċiż tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tiegħu"*.

20. Dwar dan l-aggravju r-rikorrent għandu raġun. L-ewwel qorti laqgħet it-tielet u raba' eċċezzjonijiet u ma ddeċieditx il-meritu tat-talbiet tar-rikorrent. Għaldaqstant, fil-parti dispożittiva tas-sentenza ma kellhiex tiddikjara li *"tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti"* iżda li ma tqisx iktar il-meritu tat-talbiet tar-rikorrent (ara sentenza ta' din il-qorti, **Av. Larry Formosa nomine vs L-Avukat Ġenerali**, Rikors 48/2017 tad-29 ta' Novembru, 2019).

**Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddeċiedi l-appell billi tilqa' biss l-aħħar aggravju u tiċħad il-kumplament tal-aggravji tar-rikorrent. Tirriforma s-sentenza tal-ewwel qorti fis-sens li mill-parti dispożittiva tas-sentenza tħassar dik il-parti fejn jingħad li l-ewwel qorti *"tiċħad it-talbiet tar-rikorrent"* u minflok f'dik il-parti tas-sentenza jingħad li ma tqisx iktar il-meritu tat-talbiet tar-rikorrent. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 9/10 a karigu tar-rikorrent u 1/10 a karigu tal-intimati.**

Joseph Azzopardi
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr